SANNAT

Minuti tal-erbgħa u sittin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-perit Edward Scerri u l-kuntratturi li xeħtu l-kwotazzjonijiet tal-Bidwi Park.

**Item 1 Kwotazzjonijiet tal-Bidwi Park**

2605 Dawn il-kwotazzjonijiet infetħu fid-data u l -ħin stipulat, nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2013.

**Schedule of Quotations**

**Quotation No. 01/2013 (B)**

**Quotation for the manufacture and installation of vernacular stone features for Tal-Bidwi Park**
**Closing date 8th February 2013 at 16.00 hours**

| No. | Contracter | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Lawrence Borg | €4,220 |
| 2. | Joseph Zammit | €3,324 |

Ħadd miż-żewġ kuntratturi ma ppreżenta skatch jew pjanta tax-xogħol kif propost li ser jsir. Il-Kunsill għażel dik ta' Joseph Zammit li kienet l-irħas waħda.

2606 Dawn il-kwotazzjonijiet infetħu fid-data u l-ħin stipulat, nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 201.

**Quotation No. 02/2013**

**Quotation for the manufacture and installation of interpretation panels at Tal-Bidwi Park**

**Closing date 8th February 2013 at 16.00 hours**

| No. | Contracter | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | John Camilleri | €6,924.15 |
| 2. | Benny Zaffarese | € 2,775 |
| 3. | Thomas Xerri | € 2,212.50 |
| 4. | Joe Zammit | € 3,960 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Thomas Xerri li kienet l-irħas waħda.

2607 Dawn il-kwotazzjonijiet infetħu fid-data u l-ħin stipulat, nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2013.

**Schedule of Quotations**

**Quotation No. 01/2013 (B)**

**Quotation for the manufacture and installation of vernacular timber features for Tal-Bidwi Park**

**Closing date 8th February 2013 at 16.00 hours**

| No. | Contracter | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Lawrence Borg | €4,193 |
| 2. | Joseph Zammit | €5,594.60 |
| 3. | Claudio Cauchi | €5,815 |

Claudio Cauchi biss mill-kuntratturi ppreżenta skatch jew pjanta tax-xogħol kif ser isir. Dawn kienu tal-kanizzata u l-qanniċ. Il-perit qal li ma talabx skatches jew pjanta mal-kwotazzjoni. Iż-żewġ kuntratturi l-oħra ġew mitluba jippreżentaw kopja tal-kanizzata waqt il-laqgħa. Hawnhekk is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi kwotazzjonijiet bħal dawn jirrikjedu skatch jew pjanta biex il-Kunsill ikun imparżjali f'affarijiet bħal dawn għaliex kull kwotazzjoni individwali tkun tvarja minn waħda għal oħra għaliex ingħataw qisien biss tal-għoli u tal-art fejn ser isir ix-xogħol. Il-perit ma qabilx miegħu. Il-Kunsillier Teddie Bajada qal li hu ma jaqbilx mal-perit li l-kuntratturi ma ppreżentawx scatch jew pjanta tax-xogħol kif ser isir. Dwar il-karettun hu qal l-Kunsill għandu jixtriħ direttament il-Kunsill biex jiffranka l-flus u anki peress li hemm diversi tipi ta' karettuni. L-ebda kuntrattur ma ppreżenta ritratti ta' xi tip ta' karentun hu għaliex hemm diversi tipi ta' karettuni. Il-Kunsill qabel u għażel il-kanizzata ta' Claudio Cauchi li kienet l-irħas waħda. Tal-qanniċ il-Kunsill għażel dik ta' Lawrence Borg li kienet l-irħas waħda. Rigward il-karettun, il-Kunsill għażel l-irħas waħda ta' Lawrence Borg, imma

SANNAT

qabel dan għandu jiġi mitlub jippreżenta ritratt jew sketch tiegħu qabel jingħata l-konferma mill-Kunsill għaliex dan irid ikun karettun ta' żiemel.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |